Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

(Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali)

Magistrat Dottor Monica Vella LL.D.; M.Jur.

Il-Pulizija

(Spettur Lydon Zammit)

(Spettur Stephen Gulia)

(Spettur Roderick Agius)

Vs

Christopher Schembri

Kumpilazzjoni Numru: 92/2021

Illum 26 ta' Gunju 2024.

Il-Qorti,

Rat l-akkuza prezentata mill-Pulizija Ezekuttiva nhar il- 11 ta' Frar 2021 kontra:

**Christopher Schembri ta' 45 sena, iben George u Carmen nee' Cassar, imwieled I-Pieta, 15 ta' Settembru 1975 u residenti gewwa Blk Q, Flat 1,**

**Triq Wenzu Mifsud Bonnici, Hamrun u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 462375M.**

Akkuzat talli:

1. Nakkuzawh talli nhar is-26 ta' Jannar 2021 ghal ħabta ta' 15:30Hrs minn ġewwa l-istabilliment 'Soap Box' li tinsab f'Misraħ is-7 ta' Gunju 1919 fil-Hamrun ikkommetta serq ta' flus kontanti, ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) li sar ghad-dannu ta' Nathalie Cutajar u/jew Christian Spiteri u/jew u/jew ta' xi persuna/i ohra u/jew entitajiet oħra.

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Nathalie Cutajar kontra l-volonta' tagħha u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u/jew biex ikunu mġiegħla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta hwejjiġu.

3. Nakkuzawh talli nhar id-9 ta' Frar 2021, ghal habta ta' 11:35hrs ta' filghodu minn gewwa Elmo Insurance li jinsab fi Triq San Bartolomew, Qormi bil-hsieb li jaghmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u dis' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' l-imsemmija kumpanija u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita'u/jew entitajiet oħra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu.

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-

privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Dominic (Domenico Savio) Cuschieri kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew hwejjeg ohra u/jew biex ikunu mgieghla jaccettaw li jaghmlu xi trasferiment ta hwejjighom.

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt illi kien qieghed jaghmel reat kontra il-persuna jew tas-serq kellu fuq il-persuna tieghi xi arma regolari jew munizzjoni jew immitazzjoni tagħhom.

6. Nakkuzawh talli nhar l-9 ta' Frar 2021 għal ħabta ta' 12:40hrs ta' wara nofs inhar minn ġewwa l-istabilliment Frisk tal-Bidnija li jinsab fi Triq R. Caruana Dingli, San Gwann bil-ħsieb li jagħmel delitt ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disa' w ghoxrin Euro u sebgha' w tletin centezmu (€2329.37) għad-dannu ta' Louise Micallef u/jew ta' xi persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma ġiex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tiegħu.

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-ligi ta' 1-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Louise Micallef kontra l-volonta' taghha u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg ohra u/jew biex ikunu mġiegħla jaccettaw li jagħmlu xi trasferiment ta hwejjighom

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi waqt illi kien qiegħed jagħmel reat kontra il-persuna jew tas-serq kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjoni jew immitazzjoni taghhom.

9. U aktar talli fl-istess dati hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu ricediv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi huma definittivi w ma jistghux jinbidlu.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384,385 u 412C tal Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

Hadet nota li l-imputat wiegeb mhux hati tal-akkuzi fis-seduta tal- 11 ta’ Frar 2021.[1]

Hadet nota ukoll tal-fedina penali tal-imputat prezentata in atti mill-prosekuzzjoni[2].

Hadet nota tal-Artikoli mahruga mill-Avukat Generali nhar il-hamsa (5) ta’ Mejju elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) fejn akkuzatu taht l-artikoli 261(a)(b)(c ), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(b), 280(2), 86, 87(1)(c)(e), 41(1)(a), 49, 289, 17, 23, 23B, 23C, 31, 533 tal- Kap 9

[1] Folio. 21 tal-process.
[2] Folio. 11- 20 tal-process.

tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll taht l-artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.[3]

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz ikompli jinstema' quddiem din il-Qorti hekk kif ppreseduta li irrisolviet ruha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[4]

Hadet nota tal-atti kollha tal-kaz.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Semghet ix-xhieda.

Semeghet is-sottomissjonijiet finali tal-partijiet.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor**

Bazikament il-kaz jirrigwarda zewg hold-ups fejn insterqu ftit ghexieren ta' Ewro u attentat iehor tal-istess natura fejn ma insteraq xejn. Dawn it-tlett incidenti sehhew meta intuzat arma, li wara irrizulta

[3] Folio. 536 tal-process.
[4] Folio. 538 tal-process.

li kienet revolver-lighter, f'perjodu ta' ftit jiem bejn is-26 ta' Jannar 2021 u d-9 ta' Frar 2021.

L-imputat gie arrestat vicin ir-residenza tieghu u wera lill-pulizija investigattiva fejn kien rema' il-pistola lighter. Effettivament instabet fuq il-post fejn hu jahdem. Fil-vettura li intuzat f'dan is-serq aggravat, il-pulizija sabu l-ilbiesi li kienu intuzaw mill-malvivent. Il-vettura ukoll tghajjat u hija irregistrata fuq l-imputat.

**Provi**

Xehed l-**ispettur Stephen Gulia** nhar is- 26 ta' Frar 2021 fejn spjega kif hu u l-kollegi tieghu gew infurmati li kienet ghada kif sehhet serqa b'arma tan-nhar fil-fergha tal-Elmo Insurance f'Hal-Qormi. Huwa kellem lil certa Domenic Cushieri K.I. 283866M fejn spjegalu d-dinamika tal-incident. Cuschieri qal li l-aggressur heddu b'arma biex jaghtih il-flus. Wara ftit il-vittma induna li dik l-arma setghet ma kienitx wahda vera u ghaldaqstant irresista lis-suspettat u rnexxielu jwaqqa' l-maskra tas-suspettat li waqghet mal-art. Il-basket li kellu f' idejh tqatta' u thalla fuq il-post. Il-pulizija gew avvicinati minn certa Arona Chetcuti K.I. 390883M fejn qaltilhom li s-suspettat kien dahal go BMW ta' lewn griza b'numru ta' registrazzjoni EBL 167. Fil-fatt din kienet tghajjat lill-imputat. Jghid li fuq dan il-kaz infurmaw lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Joe Mifsud li innomina xi esperti biex jghinuh fl-istharrig. Ikompli jispjega li xi siegha wara gew infurmati li sehh incident simili f'San Gwann fejn marru fuq il-post u tkellmu ma' certa Louise Micallef K.I. 78581M. Hija spjegatilhom id-dinamika tal-incident. Hu ippruva jiehu il-flus mill-cash register pero' ma ha xejn. Irrizulta li s-suspettat harab minn fuq il-post b'vettura EBL 167. Il-Magistrat Dr. Joe Mifsud gie infurmat ukoll b'din is-serqa u hatar ukoll

xi esperti. Il-pulizija marru vicin ir-residenza tas-suspettat u meta gie bl-istess vettura kien ukoll liebes l-istess hwejjeg taz-zewg serqiet. Hu gie arrestat u moghti d-drittijiet tieghu. L-arma ma instabitx la fuqu u lanqas fil-vettura u meta ghamlu tfittxija fid-dar fil-prezenza ta' martu Maureen Schembri din qaltilhom li ma kellhomx armi imma ftakret li kellhom souvenier forma ta' arma. Din ma kinitx f'postha. L-imputat waqt l-arrest urihom fejn kien pogga din l-arma -lighter- u din kienet mohbija fuq il-post tax-xoghol tieghu f'Hal-Luqa.

L-imputat gie ukoll investigat fuq serqa mill-Hamrun fejn aggredixxa bl-istess mod lil Nathalie Cutajar K.I. 21869M waqt l-incident tas-26 ta' Jannar 2021. Hu ha 100 Ewro. Jghid li gew elevati diversi oggetti mill-vettura tas-suspettat in konnessjoni ma' dawn is-serqiet.[5] Giet ipprezentata formalment il-vettura EBL 167 tal-marka BMW mudell 318.[6]

Xehed **Domenic Cuschieri** nhar id-19 ta' Mejju 2021 fejn hu qal li kien jahdem mal-agenzija Elmo Insurance fi Triq San Bartolomew, Hal-Qormi. Hu spjega d-dinamika tal-incident u l-aggressjoni li saret fuqu permezz ta' dik li ghall-ewwel haseb li kienet arma tan-nar u li meta induna li setghet ma kinitx hu irreagixxa u nehha l-maskra minn fuq l-aggressur. Jghid li l-aggressur ma kienx kuntent bil-flus li sab u hedded li 'ha jweggghu'. Qal li beza' u f'mohhu kellu l-intenzjoni li jitlaq il-barra. Jispjega li l-imputat hu klijent tieghu, pero' dak il-hin tal-aggressjoni ma gharfux. Isostni li klijenta' tieghu tatu n-number plate tal-vettura BMW griza EBL 167 li biha kien harab l-imputat.[7]

---

[5] Folio. 31 tal-process.

[6] Folio. 36 tal-process. Jidher li flus insterqu biss mill-hanut fil- Hamrun u mill-agenzija ta' Hal-Qormi tal-Elmo Insurance. Ma jidhirx li ittiehdu flus mill-hanut ta' San Gwann ghax il-kaxxiera bdiet twerzaq, gie ragel u l-aggressur tgerrex. Ara rapporti a Folio. 44 sa 55 tal-process.

[7] Folio 89 tal-process.

Xehdet **Louise Micallef** nhar id-19 ta' Mejju 2021 fejn qalet li hija tahdem go grocer f'San Gwann u li giet aggredita minn ragel li talabha birra li hargitlu minn gol-fridge. Tghid li dan ir-ragel dahal wara il-bank u ratlu qisa pistola ta' kulur iswed. Hu beda jipponta lejn il-cash u beda jkellimha bil-Malti. Hi bdiet twerzaq u hu ma lahaqx ha flus.[8]

Xehed **Arnold Pampanello** nhar id-19 ta' Mejju 2021 fejn qal li huwa ra ragel hiereg jigri minn grocer f'San Gwann. Qal li sema' lil Louise twerzaq u tghajjat hold-up.[9]

Xehed **Angelo Buttigieg** nhar id-19 ta' Mejju 2021 fejn ezebixxa l-processi verbali 130/2021 u 131/2021 dwar l-incidenti li sehhew fid-9 ta' Frar 2021 f'Hal-Qormi u San Gwann rispettivament.[10]

Xehed **PS 407 Kenneth Scicluna** li ikkonferma li hu hejja r-rapport tal-incident ta' San Gwann bin-numru 6A/N/647/2021 u li f'dan l-incident ma insterqux flus.[11]

Xehed **PS 610 Mark Anthony Spiteri** li kkonferma li hu hejja r-rapport tal-incident ta' San Gwann bin-numru 2/C/332/2021 u li f'dan l-incident ma nsterqux flus[12].

[8] Folio 95 tal-process.
[9] Folio 99 tal-process.
[10] Folio 101 tal-process.
[11] Folio 204 tal-process.
[12] Folio 211 tal-process.

Xehed **Christian Spiteri** li qal li l-hanut li safa vittma ta' hold up kien tieghu u li kienu nsterqu madwar tlett mija u hamsin Ewro (€350).[13]

Xehed **PC 911 Sephora Attard** u qalet li l-imputat ma ghandux armi licenzjati fuqu u ma ghandux licenzja tal-armi.[14]

Xehdet **Vanessa Camilleri** ghall-Transport Malta fejn qalet li l-vettura EBL 167, BMW 318 ta' kulur silver tghajjat lill-imputat Christopher Schembri K.I. 462379M.[15]

Xehed **PS 276 Gregory Attard** nhar is-27 ta' Lulju 2021 fejn spjega li kien stazzjonat l-ghassa tal-Hamrun nhar is-26 ta' Jannar 2021 fejn gew infurmati li kienet ghada kemm sahhet serqa mill-hanut Soap Box. Huwa irrikorra fuq il-post ma' PC 1529 u kellmu lil certa Nathalie Cutajar u hija spjegat li giet derubata minn persuna Maltija ta' circa 40 sena. Jghid li hu gabar xi CCTV u ghaddihom lil Forensika.[16]

Xehed **PC659 Clayton Abela** fejn spejga r-rwol tieghu fl-investigazzjoni tas-serqa li saret fil-Hamrun nhar is-26 ta' Jannar 2021. Hu ikkonferma ir-rapport imhejji minnu a folio 52 tal-process.[17]

Xehedet nhar is-27 ta' Lulju 2021 **Nathalie Cutajar** fejn spjegat li fis-26 ta' Jannar 2021 hija kienet gol-hanut li jinsab Misrah 7 ta' Gunju l-

[13] Folio 221 tal-process.
[14] Folio 229 tal-process.
[15] Folio 232 tal-process.
[16] Folio 242 tal-process.
[17] Folio 245 tal-process.

Hamrun meta ragel Malti dahal, dahal fejn il-cash u talabha l-flus.[18] Tghid li l-ewwel darba ma taghtux u mbaghad qalilha *iftah ghax nisparalekk u taghtu*. Hu kellu idejh fil-but, messha u taghtu l-flus. Tghid li flus ma kienx hemm hafna u l-aggressur irrabja. Tahseb li kien hemm xi tlett mija. Wara li gara dan cemplet lill-imghallem taghha. *Ix-xhud identifikat lill-imputat fl-awla*. Tghid li ma hargitx tigri warajh. Issostni li hu kellu hoodie bi stripes wisghin.

Xehed **Dr.Lennox Vella** fejn ezebixxa it-traskrizzjoni tal-interrogatorju tal-imputat.[19]

Xehed l**-iSpettur Leeroy Balzan Engerer** fit-3 ta' Settembru 2021 fejn spjega kif fid-9 ta' Frar 2021 huwa gie infurmat b'attentat ta' serqa gewwa hanut tal-haxix jismu Frisk tal-Bidnija gewwa Triq Caruana Dingli. Jghid li hu informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Joe Mifsud fejn gew mahtura numru ta' esperti.[20]

Xehed **Anthony Bonnici** nhar it 3 ta' Settembru 2021 in rapprezentanza tal-kumpanija Go plc fejn ipprezenta l-profil ghad-9 ta' Frar 2021 tal-mobiles bin-numru 79074145 u 79098622.[21]

Xehed **PC 1529 Melvyn Briffa** fejn qal li hu wasal mas-surgent 276 fuq is-serqa fil-Hamrun fil-hanut Soap Box li kienet sehhet fis-26 ta' Jannar 2021.[22]

---

[18] Folio 247 tal-process.
[19] Folio 260 tal-process.
[20] Folio 275 tal-process.
[21] Folio 279 tal-process.
[22] Folio 279 tal-process.

Xehdu **PS 586 Mario Azzopardi** u **PC 1491 Kurt Attard** nhar it-3 ta' Settembru 2021 li spjegaw li huma marru fuq il-post jinvestigaw is-serqa li sehhet fl-agenzija Elmo Insurance. Huma kellmu lil certa Domenic Cuschieri li gie aggredit fis-serqa. Jghid li hu eleva xi affarijiet minn fuq il-post u ghaddihom lil Dr. Marisa Cassar.[23]

Xehed **PS 512 Josef Gerada** fejn qal li kien hu flimkien mas-surgent 1024 li arrestaw lill-imputat u ghamlu l-ewwel tfitxijiet fuqu, fil-vettura u fir-residenza tieghu.[24]

Xehed **PS 1024 Jeffrey Rizzo** li spjega li kien hu li arresta lill-imputat ma' PS 512 Josef Gerada. Kienu huma li ghamlu l-ewwel tfitxijiet u kien innota li mart l-imputat inhasdet ghax kienet qaltilhom li ghalkemm ma kellux armi kien hemm speci ta' art fil-wall unit u kienet mahsuda meta sabitha nieqsa.[25]

Xehed **Dr. Martin Bajada** fid-19 ta' Novembru 2021 fejn esebixxa dokumenti relatati ma' CCTV footages migbura minn diversi zoni f' Hal-Qormi u San Gwann.[26]

Xehed **Roderick Sultana** nhar id-9 ta' Frar 2022 fejn ikkonferma li l-imputat huma impjegat mal-Wasteserve u misluf ma' Ambjent Malta u dan minn Awwissu 2017 sal gurnata tal-lum.[27]

[23] Folio 281 tal-process.
[24] Folio 296 tal-process.
[25] Folio 300 tal-process.
[26] Folio 309 tal-process.
[27] Folio 358A tal-process.

Xehed **PS 1404 Dale Cassar** li spjega r-rwol tieghu fl-investigazzjoni li sehhet fi Triq Carauana Dingli, San Gwann fil-hanut Frisk tal-Bidnija. Hu jikkorrabora dak li xehed l-investigatur precedenti mill-Major Crimes Unit.[28]

Xehdu **PS 2293 Michelle Camilleri** u **PS 1331 Darren Debattista** fejn qalu li huma gew inkarigati mill-magistrat inkwirenti biex jiehdu ritratti mix-xena tad-delitt fil-hanut Frisk tal-Bidnija gewwa Triq R. Caruana Dingli San Gwann.[29]

Xehed **PC 377 Miguel Micallef** fejn qal li ircieva telefonata dwar is-serqa go l-Elmo Insurance fi Triq San Bartilmew, Hal-Qormi. Min cempel kien jismu Savio Domenico.[30]

Xehed l**-iSpettur Roderick Agius** nhar is-16 ta' Marzu 2022 fejn spjega fid-dettal ir-rwol tieghu fl-investigazzjoni tad-9 ta' Frar 2021 gewwa Hal-Qormi. Hu informa lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Joe Mifsud fejn inhatru diversi esperti.

Kontro-ezaminat jghid li l-imputat jidher li kien qed jinbidel u sejjer ghall-ahjar.[31]

---

[28] Folio 391 tal-process.
[29] Folio 394 tal-process.
[30] Folio 415 tal-process.
[31] Folio 420 tal-process.

Xehed **PC 2376 Yana Buttigieg** nhar is-16 ta' Marzu 2022 li esebiet il-filmati u t-timelines.[32]

Xehed **Joseph Mallia** nhar it-23 ta' Mejju 2022 u 22 ta' Gunju 2022 fejn ezebixxa ir-rapport tieghu in konnessjoni mal-impronti digitali.[33] L-analizi kienet inkonklussiva.

Xehdet **Dr. Marisa Cassar** nhar it-22 ta' Gunju 2022 u esebiet ir-rapport taghha. L-analizi kienu inkonklussivi.[34]

Xehed l-i**Spettur Lydon Zammit** nhar id-19 ta' Lulju 2022 fejn spjega li fid-9 ta' Lulju 2021 kienu dahhlu zewg rapporti ta' serq b'arma wahda f'Hal-Qormi u l-ohra San Gwann. Hu kompla jispjega l-involviment tieghu f'dawn l-investigazzjonijiet u kif l-pulizija wasslu ghall-imputat.[35] Jghid li l-imputat kien ikkopera maghhom biex tinstab 'l-arma' u li kieku ma kienx l-imputat din ma kinitx tinstab ghax kienet f'post imwarrab fil-haxix.

Xehed **PC 1087 Roderick Degiorgio** nhar is-26 ta' Ottubru 2022 u spjega li hu kien qed jakkumpanja l-investigaturi principali waqt l-itsharrig tad-9 ta' Frar 2021.[36] Spjega fid-dettal kif instabet l-arma tal-plastic fil-jum taz-zewg hold-ups fil-facilita' tal-Wasteserve f'Santa Lucija.

[32] Folio 422 tal-process.
[33] Folio 454 u 459 talk-process.
[34] Folio 473 tal-process.
[35] Folio 487 tal-process.
[36] Folio 504 tal-process.

Xehed is-**Supretendent Fleuri** nhar is-6 ta' Dicembru 2022 fejn spjega ir-rwol tieghu fil-ko-ordinazzjoni tal-investigazzjonijiet rigwardanti it-tlett hold-ups.[37]

Xehed l-**iSpettur Stephen Gulia** li ezebixxa vera kopja tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Schembri datat 19 ta' April 2001.[38]

Xehed **Brian Camilleri** f'isem Sedqa nhar it-18 ta' Lulju 2023 fejn spjega li l-imputat dahal maghhom fit-3 ta' Mejju 2022 u gradwa mill-programm f'Gunju 2023. Qal li dejjem ikkopera u li ma kienx hemm diffikulta waqt il-programm.[39]

Xehed **Melchior Ellul** fejn qal li l-imputat ghalihom huwa storja ta' success.[40]

Xehed **Dr. Gianluca Bezzina** nhar id-19 ta' Settembru 2023 u qal li huwa ra progress kbir fl-imputat u t-testijiet dwar drogi li saru ricentament kienu fin-negattiv.[41]

Xehdet **Maureen Schembri**, mart l-imputat, wara li inghatat it-twissija u drittijiet tagha skond il-ligi, nhar l-24 ta' Jannar 2024. Hija spjegat l-

[37] Folio 512 tal-process.
[38] Folio 525 tal-process.
[39] Folio 541 tal-process.
[40] Folio 543 tal-process.
[41] Folio 554 tal-process.

problemi li kellu zewgha qabel l-akkadut u l-progress li ghamel sussegwentement.[42]

**Ikkunsidrat:**

Wara li semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet waqt is-seduta tad-9 ta' April 2024, specjalment dik tad-difiza, ma jidhirx li qed tigi ikkontestata l-htija tal-imputat ghal dak li jirrigwarda l-akkuzi odjerni fil-konfront tieghu kif ukoll in linea mal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali. Is-sottomissjoni principali, jekk mhux l-unika, tad-difiza hija il-kambjament sostanzjali li ghamel f'dawn l-ahhar xhur l-imputat in relazzjoni mal-vizzju akut tad-droga li kellu qabel u waqt l-incident.

Ghal kull buon fini l-Qorti trid izzid li anki minghajr is-sottomissjonijiet tad-difiza, il-Qorti, mill-assjem tal-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni, hija aktar milli konvinta li l-imputat, u hu biss jahti tat-tliet serqiet li sehhew, tnejn minnhom fl-istess gurnata, ossija fid-9 ta' Frar 2021. Il-vettura kienet tghajjat lill-imputat, l-hwejjeg li instabu huma identici ghal dawk li intuzaw waqt is-serqiet kif jixhdu il-filmati tas-sigurta' kif ukoll li 'l-arma' instabet mill-pulizija grazzi ghall-ko-operazzjoni tal-imputat. Dawn il-punti principali, maghduda ma' ohrajn cirkostanzjali ma jhallu l-ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li huwa l-imputat li ikkommetta dawn is-serqiet u li l-imputat ghandu jinstab hati tat-tlett serqiet.

**Ikkunsidrat:**

[42] Folio 556 tal-process.

Dwar l-addebitu tar-recediva, anki hawn din il-Qorti ftit ghandha xi tghid. Il-prosekuzzjoni ezebit vera kopja tas-sentenza *Ir-Repubblika ta' Malta vs Christopher Schembri* (Att. Ta' Akkuza Nru. 45/96) deciza fid- 19 ta' April 2001 fejn is-sentenza ta' sitt (6) snin prigunerija effettiva tal-Ewwel Qorti giet ikkonfermata[43], ghalkemm din ma gietx konfermata mir-Registratur tal-Qorti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti ma tistax ma tinnotax pero' l-fedina penali ta' l-imputat li hija wahda ta' natura importanti fejn sahansitra ghamel xi snin fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fuq traffikar ta' sustanzi stupefacenti. Ma tistax ukoll il-Qorti tinjora il-fatt li dak addebitat lill-imputat huwa ta' natura **serja hafna** fejn hu wettaq tlett hold-ups fuq tlett persuni f'tlett postijiet differenti fuq perjodu qasir ta' zmien. Ghalkemm il-Qorti fehmet li dan sar minhabba il-problema akuta ta' droga maghguna mal-fatt li ftit ta' zmien qabel l-imputat tilef lill-missieru, ma tistax lanqas tinjora li l-attakki fuq il-persuni sar b'arma finta, li pero' mad-daqqa t'ghajn f' dawk ic-cirkostanzi wiehed facilment jahsibha arma vera u propja.

Il-Qorti ukoll hadet nota tal-fatt li meta sehhew dawn ir-reati l-imputat kien bniedem matur u li ghamel sforz importanti biex huwa jerga' jaqbad it-triq it-tajba u irnexxielu jeghleb il-vizzju ikrah tad-droga u li huwa illum ukoll gharaf li jipprova jaghti kontribut f'dan il-qasam billi xi ftit jew wisq qed jghin lil min qed isib lura it-triq tas-sewwa 'l boghod mill-vizzji. Il-Qorti ukoll qed tiehu in konsiderazzjoni dak li

[43] Folio. 526 tal-process.

qalet mart l-imputat u ghalhekk hemm is-serhan tal-mohh li l-imputat ghandu warajh mara soda li issaportietu ghal hafna snin, waqfet mieghu u jidher li ser tkompli tghinu biex jibqa' fit-triq it-tajba.

Meta wiehed iqis l-assjem ta' dak hawn fuq citat allura il-Qorti thossha fid-dmir li taghti **l-ahhar opportunita'** lill-imputat biex ikompli fit-triq li qabad f'dawn l-ahhar xhur u konsegwentament tqis li ma ghandhiex timpani piena karcerarja effettiva u li allura sentenza ta' prigunerija sospiza fit-tul ghandha tkun wahda idoneja fic-cirkustanzi u dan ukoll biex ma tharbatx il-progress li ghamel biex iwarrab il-problemi li kienu hakmuh.

Dwar il-konfiska tal-vettura u l-arma, l-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Lydon Gravina et.** (App. Nru. 120/2010) deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali per S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano nhar l-4 ta' Gunju 2010. F'dik is-sentenza intqal li l-oggett li jkun intuza ghad-delitt irid jigi ipprezentat u jrid ikun tal-persuna li wettaq ir-reat. Minghajr dubbju l-vettura kienet irregistrata fuq l-imputat kif ukoll l-arma finta kienet tappartjeni lilu ukoll. Dawn l-ogetti gew ipprezentati formalment u ghalhekk din il-Qorti ser tordna il-konfiskat taghhom a favur tal-Gvern ta' Malta.[44]

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c ), 262(1)(a)(b)(2), 263(b), 267, 275, 277(b), 279(b), 280(2), 86, 87(1)(c)(e), 41(1)(a), 49, 289, 17, 23, 23B, 23C, 31, 533 tal-Kap 9

[44] Folio. 38 u Folio. 43 tal-process.

tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-artikolu 55(a) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib l-imputat **Christopher Schembri HATI** tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u qed tikkundannah **ghall-piena ta' sentejn (2) habs li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu massimu ta' erba' (4) snin mil-lum.**

Inoltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lil hati jhallas l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesti relattivi fl-ammont ta' erbat elef u hames mija u sitta u erbghin Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€4,546.26c) fi zmien tlett snin mil-lum[45], illi ghandhom jithallsu b'rati mensili u konsekuttivi ta' mhux anqas minn mija u sebgha u ghoxrin Ewro (€127) fix-xahar bl-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard mill-1 ta' Awissu 2024.

Inoltre qed tpoggi lill-imputat Christopher Schembri ai termini tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta that Ordni ta' Trazzin u qed tordna lill-imputat li ma jersaqx, javvicinax jew b'xi mod jimmolesta lil Nathalie Cutajar, Christian Spiteri, Louise Micallef u Domenic (Domenico Savio) Cuschieri taht penali ta' elfejn Ewro (Ewro 2,000) kull wiehed ghal perjodu ta' sena mil-lum.

Finalment, il-Qorti qed tordna l-konfiska tal-lighter souvenir forma ta' pistola u stand taghha li giet esebita bhala Dok SG1 kif ukoll il-konfiska tal-vettura BMW 318 ta' kulur silver bin-numru tar-

[45] Dr. Cherubino Ewro 345.90c ( Folio. 129); Dr. Alexander Scerri Herrera Ewro 290.28c ( Folio. 140); PS 2293 u PS 1331 Ewro 122.90c ( Folio. 400); DR. Alexander Scerri Herrera Ewro 443.56c (Folio. 180A); Dr. Lennox Vella Ewro 31.80c (Folio. 274); Dr. Martin Bajjada Ewro 936.68c u Ewro 1,340.85c Folio 358A u 317A; Dr. Marisa Cassar Ewro 566.40c Folio. 480; Mr. Joseph Mallia Ewro 467.89c Folio. 469.

registrazzjoni EBL 187, li giet pprezentata formalment bhala Dok SG3, a favur tal-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-obbligi tieghu that din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk ma jottemperax ruhu strettament ma' l-istess.

Dottor Monica Vella LL.D., M. Jur.

Magistrat

Annalise Mifsud

Deputat Registratur